MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' April, 2006

Numru. 65/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Boris Giuseppe Arcidiacono**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Boris Giuseppe Arcidiacono** ta' 61 sena, bin Giuseppe u Erminia *nee'* Gauci, mwieled Msida fl-10 t'April, 1944, residenti 116, Flat 4 Triq it-Torri, Sliema, u detentur tal-karta tal-identita' numru 494344M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'doversi xhur bejn l-1 ta' Mejju, 2004, u 31 ta' Lulju, 2005, b'diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzjoni wahda , fil-kapacita' tieghek ta' direttur ewlieni tal-Kumpanija Boris Arcidiacono Ltd. (C16463), approprajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, tleita u erbghin elf lira, sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm43,628.12) ghad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT u tal-Gvern ta' Malta, liema flus kienu gew fdati u kkunsinnati lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek.

Il-Qorti hijha gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni;

Stante ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk isib lill-imputat hati ;

Rat l-art 293 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat u semghet il-partijiet jiddikjaraw illi l-imputat ghamel ftehim mad-Dipartiment tal-VAT sabiex irodd lura dawk il-flus debitament mehuda u fil-fatt gia' skonta parti mill-ammont dovut;

Wara li staqsiet lill-imputat jekk hux dispost li joqghod taht kundizzjonijiet f'kaz li jkun liberat.

Tiddeciedi billi minflok tikkundannah, tilliberrah taht kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna li dawn l-atti jinbaghtu ghand l-avukat genrali fiz-zmien li tird il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------